

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 564/2013**

tat-18 ta' Ġunju 2013

dwar it-tariffi u l-imposti dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 167, 19.6.2013, p. 17)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1155/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014	L 309	28	30.10.2014



REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 564/2013

tat-18 ta' Ġunju 2013

dwar it-tariffi u l-imposti dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

TARIFFI

Artikolu 1

Tariffi għal xogħol fir-rigward ta' sustanzi attivi

L-Aġenzija għandha timponi t-tariffi previsti fit-Tabella 1 tal-Anness I għal xogħol meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 li għandu jitwettaq fir-rigward tal-approvazzjoni u t-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, kif ukoll l-inklużjoni fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Tariffi għal xogħol fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-prodotti bijoċidali

L-Aġenzija għandha timponi t-tariffi previsti fit-Tabella 1 tal-Anness II għal xogħol meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 li għandu jitwettaq fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodotti bijoċidali.

Artikolu 3

Tariffi oħra

1. L-Aġenzija għandha timponi t-tariffi previsti fl-Anness III għal xogħol meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 li għandu jitwettaq fir-rigward tal-istabbiliment tal-ekwivalenza teknika, l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku, it-talbiet għall-inklużjoni fil-lista ta' persuni rilevanti, u t-talbiet għal trattament kunfidenzjali ta' informazzjoni sottomessa lill-Aġenzija.

2. L-Aġenzija għandha timponi t-tariffi annwali previsti fl-Anness III għal kull prodott bijoċidali jew familja ta' prodotti bijoċidali awtorizzati(a) mill-Unjoni. It-tariffa annwali għandha tingħata fl-ewwel anniversarju u f'kull anniversarju sussegwenti tad-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni. Għandha tirrelata mas-sena preċedenti.

Artikolu 4

Tariffi għall-appelli kontra deċiżjoni tal-Aġenzija skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012

1. Għal kwalunkwe appell kontra deċiżjoni tal-Aġenzija skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-Aġenzija għandha timponi tariffa kif stabbilit fl-Anness III.

▼B

2. Appell jitqies li wasal għand il-Bord tal-Appell meta l-Aġenzija tkun irċeviet it-tariffa rilevanti.

3. Jekk l-appell jitqies bħala mhux ammissibbli mill-Bord tal-Appell, it-tariffa ma titraddx lura.

4. L-Aġenzija għandha tħallas lura t-tariffa imposta skont il-paragrafu 1 jekk id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija jirrettifika deċiżjoni skont l-Artikolu 93(1) tar-Regolament (UE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, jew jekk l-appell jiġi deċiż favur l-appellant.

*Artikolu 5***Il-possibbiltà ta' rimborż għall-alternattivi għal sustanzi attivi approvati li jissodisfaw wieħed mill-kriterji ta' esklużjoni**

1. Malli applikant jippreżenta applikazzjoni lill-Aġenzija għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva, li tista' tkun alternattiva xierqa, fi ħdan it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, għal sustanza attiva approvata li tissodisfa wieħed mill-kriterji ta' esklużjoni skont l-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament, huwa jista' jitlob rimborż tat-tariffa li għandha titħallas lill-Aġenzija.

2. Meta tiġi riċevuta l-opinjoni mill-Aġenzija skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li għandha tinkludi wkoll rakkomandazzjoni dwar jekk is-sustanza attiva hijiex alternattiva xierqa fi ħdan it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba.

3. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li s-sustanza attiva hija alternattiva xierqa, l-Aġenzija għandha tgħarraf lill-applikant dwar dan u tagħti r-rimborż sħiħ tat-tariffa msemmija fil-paragrafu 1.

KAPITOLU II

APPOĠĠ GĦALL-SMEs*Artikolu 6***Rikonoxximent tal-istatus ta' SME**

1. Qabel ma tiġi ppreżentata applikazzjoni lill-Aġenzija għall-approvazzjoni, it-tiġdid jew l-inklużjoni fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ta' sustanza attiva jew għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodott bijoċidali jew familja ta' prodotti bijoċidali, ippreżentata skont l-Artikoli 7(1), 13(1), 28(4), 43(1) jew 45(1) ta' dak ir-Regolament rispettivament, li fiha talba għal tnaqqis għall-SME, l-applikant prospettiv għandu jippreżenta lill-Aġenzija l-elementi rilevanti li jippruvaw l-intitolament għal dan it-tnaqqis bis-saħħa tal-istatus ta' SME fi ħdan it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

▼B

2. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni, it-tiġdid jew l-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-kwistjoni għandha tiġi ddeterminata b'referenza għall-manifattur tas-sustanza attiva li hija rappreżentata mill-applikant prospettiv. F'każ ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott jew it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' prodott, il-kwistjoni għandha tiġi determinata b'referenza għad-detentur prospettiv tal-awtorizzazzjoni.
3. L-Aġenzija għandha tippubblika lista tal-elementi rilevanti li tkun tressqet skont il-paragrafu 1.
4. Fi żmien 45 jum mill-wasla tal-elementi kollha rilevanti msemmija fil-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tiddeċiedi liema status ta' SME, jekk ikun hemm, jista' jiġi rikonoxxut.
5. Rikonoxximent ta' intrapriża bħala SME għandu jkun validu għall-applikazzjonijiet ippreżentati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 għal sentejn.
6. Jista' jitressaq appell, skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, kontra deċiżjoni tal-Aġenzija skont il-paragrafu 4.

*Artikolu 7***Tnaqqis fit-tariffa**

1. Għandu jingħata tnaqqis fit-tariffi pagabbli lill-Aġenzija kif stipulat fit-Tabella 2 tal-Anness I u fit-Tabella 2 tal-Anness II lill-SMEs stabbiliti fl-Unjoni.
2. It-tnaqqis għall-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni, it-tiġdid tal-approvazzjoni jew l-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għandu jingħata biss meta s-sustanza attiva mhijiex kandidata għas-sostituzzjoni.
3. It-tnaqqis għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jew it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali għandu jingħata biss meta l-prodott ma jkunx fih sustanza attiva li tkun kandidata għas-sostituzzjoni.

KAPITOLU III

PAGAMENTI*Artikolu 8***Mod ta' pagament**

1. It-tariffi previsti minn dan ir-Regolament għandhom jitħallsu f'euro.
2. Il-pagamenti għandhom ikunu effettwati biss wara li l-Aġenzija tkun ħarġet fattura.

▼B

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-pagamenti dovuti skont l-Artikolu 4 għandhom isiru fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-appell.

4. Il-pagamenti għandhom isiru permezz ta' trasferiment fil-kont bankarju tal-Aġenzija.

*Artikolu 9***Identifikazzjoni tal-pagament**

1. Kull pagament, bl-eċċezzjoni ta' pagamenti msemija fl-Artikolu 8(3), għandu jindika n-numru tal-fattura fil-qasam ta' referenza.

2. Il-pagamenti msemija fl-Artikolu 8(3) għandhom jindikaw, fil-qasam ta' referenza, l-identità tal-appellant(i) u, jekk disponibbli, in-numru tad-deċiżjoni li qed tiġi appellata.

3. Jekk l-għan tal-pagament ma jistax jiġi stabbilit, l-Aġenzija għandha tiffissa data ta' skadenza li għandha tiġi rispettata minn min qed iħallas sabiex tinnotifika bil-miktub dwar l-għan tal-pagament. Jekk l-Aġenzija ma tirċevix notifika dwar l-għan tal-pagament qabel id-data ta' skadenza stipulata, il-pagament għandu jitqies bħala li ma jgħoddx u l-ammont ikkonċernat għandu jitħallas lura lil min ikun ħallas.

*Artikolu 10***Data tal-pagament:**

1. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, it-tariffi għandhom jitħallsu fi żmien 30 jum mid-data li fiha tiġi nnotifikata l-fattura mill-Aġenzija.

2. Id-data li fiha jiġi ddepożitat l-ammont kollu tal-pagament f'kont bankarju miżmum mill-Aġenzija għandha titqies bħala d-data li fiha sar il-pagament.

3. Il-pagament għandu jitqies li sar fil-ħin meta ġiet prodotta biżżejjed evidenza dokumentarja li turi li min qed iħallas ordna t-trasferiment fil-kont bankarju indikat fuq il-fattura qabel ma skadiet id-data ta' skadenza rilevanti. Konferma tal-ordni tat-trasferiment maħruġa minn istituzzjoni finanzjarja għandha titqies bħala evidenza suffiċjenti.

*Artikolu 11***Pagament insuffiċjenti**

1. Jitqies li data ta' skadenza ġiet osservata biss jekk jitħallas l-ammont sħiħ tat-tariffa fiż-żmien dovut.

2. Meta fattura jkollha x'taqsam ma' grupp ta' tranżazzjonijiet, l-Aġenzija tista' tattribwixxi kwalunkwe pagament inqas minn dak sħiħ lil kwalunkwe waħda mit-tranżazzjonijiet rilevanti. Il-kriterji għall-attribuzzjoni tal-pagamenti għandhom jiġu stipulati mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija.



Artikolu 12

Rifużjoni tal-ammonti li tħallsu żejda

1. L-arranġamenti għar-rifużjoni lil min qed iħallas ta' ammonti mħallsa żejda ta' tariffa għandhom jiġu stipulati mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija u ppubblikati fuq il-websajt tal-Aġenzija.

Madankollu, fejn ammont imħallas żejjed ma jaqbiżx il-EUR 200 u l-parti kkonċernata ma talbitx espressament għal rifużjoni, l-ammont imħallas żejjed ma għandux jingħata lura.

2. Ma għandux ikun possibbli li ammont imħallas żejjed u li ma jingħatax lura jingħadd bħala kontribuzzjoni lejn pagamenti futuri lill-Aġenzija.

Artikolu 13

Rifużjonijiet ta' ammonti fil-każ tal-applikazzjonijiet miċħuda qabel jew waqt il-validazzjoni jew l-irtirar matul il-valutazzjoni

1. L-Aġenzija għandha tħallas lura 90 % mit-tariffa miġbura meta applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva jew għall-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali, ippreżentata skont l-Artikolu 7(1) jew 43(1) rispettivament tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jew applikazzjoni għal bidla minuri jew maġġuri ta' prodott, tiġi miċħuda qabel jew matul il-fażi ta' validazzjoni.

2. L-Aġenzija għandha tħallas lura 75 % mit-tariffa miġbura meta applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva jew għall-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali, ippreżentata skont l-Artikolu 7(1) jew 43(1) rispettivament tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jew applikazzjoni għal bidla minuri jew maġġuri ta' prodott, tiġi rtirata qabel l-Awtorità Kompetenti ta' evalwazzjoni ma tkun baġtet ir-rapport ta' valutazzjoni tagħha lill-Aġenzija.

It-tariffa miġbura mhux se tiġi rimborżata fejn applikazzjoni tiġi rtirata wara li l-Awtorità Kompetenti tal-evalwazzjoni tkun baġtet ir-rapport ta' valutazzjoni tagħha lill-Aġenzija.

3. L-arranġamenti għar-rifużjoni tal-ammont li jifdal lil min ikun qed iħallas għandhom jiġu stipulati mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija u ppubblikati fuq il-websajt tal-Aġenzija.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 14

Rimborż tar-rapporteurs

Il-membri tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali li jaġixxu bħala rapporteurs għandhom jiġu rimborżati permezz tat-tariffi mħallsa skont l-Artikolu 80(2) lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jaġixxu bħala l-awtorità kompetenti ta' evalwazzjoni.



Artikolu 15

Imposti

1. Suġġett għal opinjoni favorevoli mill-Kummissjoni, l-Aġenzija tista' bid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tagħha tistabbilixxi imposti għal servizzi amministrattivi jew tekniċi li tipprovdi skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 fuq it-talba ta' Parti sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tagħha. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija jista' jiddeċiedi li ma jimponix imposta fuq organizzazzjonijiet internazzjonali jew fuq pajjiżi li jitolbu l-ghajnunna mill-Aġenzija.
2. L-imposti għandhom jiġu stabbiliti f'tali livell li jkopru l-ispejjeż tas-servizzi mogħtija mill-Aġenzija u m'għandhomx jaqbżu dak li huwa meħtieġ biex ikopru dawk l-ispejjeż.
3. L-imposta għandha titħallas fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha l-fattura tiġi nnotifikata mill-Aġenzija.

Artikolu 16

Stima provviżorja

Il-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija ⁽¹⁾ għandu, meta jkun qed jipproduċi stima tan-nefqa u tad-dħul ġenerali għas-sena finanzjarja ta' wara skont l-Artikolu 96(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jinkludi stima provviżorja speċifika tad-dħul minn tariffi u imposti minn attivitajiet fdati lill-Aġenzija skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 li tkun separata mid-dħul minn kwalunkwe sussidju mill-Unjoni.

Artikolu 17

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-tariffi u l-imposti msemmija f'dan ir-Regolament kull sena b'referenza għar-rata tal-inflazzjoni kif stabbilita skont l-Indiċi Ewropew tal-Prezzijiet għall-Konsumatur kif ippublikat mill-Eurostat. L-ewwel reviżjoni għandha titwettaq mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015.

Il-Kummissjoni għandha wkoll iżżomm dan ir-Regolament taħt reviżjoni kontinwa fid-dawl ta' informazzjoni sinifikanti li ssir disponibbli f'dak li għandu x'jaqsam mas-suppożizzjonijiet bażiċi għad-dħul u l-infiq antiċipati tal-Aġenzija. Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament bil-ħsieb li temendah, jekk xieraq, waqt li tqis b'mod partikolari r-riżorsi meħtieġa mill-Aġenzija u dawk meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għal servizzi ta' natura simili. Ir-reviżjoni għandha tqis l-impatti fuq l-SMEs, u tirrevedi r-rati ta' tnaqqis permissibbli tat-tariffa għall-SMEs, fejn xieraq.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.



ANNEX I

Tariffi li jirrelataw ma' sustanzi attivi

Tabella 1

Tariffi standard

Deskrizzjoni ġenerali tal-kompitu; id-dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012	Kundizzjoni speċifika jew deskrizzjoni tal-kompitu	Tariffa (EUR)
Approvazzjoni ta' sustanza attiva; l-Artikolu 7(2)	Tariffa għall-ewwel tip ta' prodott li għalih hija approvata dik is-sustanza attiva	120 000
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott addizzjonali	40 000
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott (kemm fuq l-ewwel tip ta' prodott kif ukoll kwalunkwe tip ta' prodott addizzjonali) jekk is-sustanza attiva tkun kandidata għas-sostituzzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	20 000
	Tariffa għall-emenda ta' approvazzjoni, minbarra ż-żieda ta' tip ta' prodott.	20 000
Tiġdid ta' approvazzjoni; l-Artikolu 13(3)	Tariffa għall-ewwel tip ta' prodott li għalih qed jintalab it-tiġdid ta' dik is-sustanza attiva	15 000
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott addizzjonali	1 500
	Tariffa addizzjonali għall-ewwel tip ta' prodott li għalih jintalab it-tiġdid ta' dik is-sustanza attiva fil-każ li jinstab li hija meħtieġa evalwazzjoni sħiħa skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	25 000
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott addizzjonali fil-każ li jinstab li hija meħtieġa evalwazzjoni sħiħa skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	2 500
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott (kemm fuq l-ewwel tip ta' prodott kif ukoll kwalunkwe tip ta' prodott addizzjonali) jekk is-sustanza attiva tkun kandidata għas-sostituzzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	20 000
Inklużjoni fl-Anness I ta' sustanza attiva; l-Artikolu 28	Tariffa għall-ewwel inklużjoni fl-Anness I ta' sustanza attiva	10 000
	Tariffa għall-emenda ta' inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I	2 000
Notifika skont l-Artikolu 3a tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.	Tariffa għal kull kombinazzjoni ta' sustanza/tip ta' prodott.	10 000
	It-tariffa għan-notifika għandha titnaqqas mill-applikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.	

▼B*Tabella 2*

Tnaqqis fit-tariffa għal applikazzjonijiet għall-approvazzjoni, it-tiġdid ta' approvazzjoni, l-inklużjoni fl-Anness I ta' sustanzi attivi jekk il-manifattur tas-sustanza attiva jkun SME stabbilita fl-Unjoni, ħlief meta s-sustanza attiva hija kandidata għas-sostituzzjoni

Tip ta' intrapriża	Tnaqqis (% tat-tariffa standard)
Intrapriża mikro	60
Intrapriża żgħira	40
Intrapriża ta' daqs medju	20



ANNEX II

Tariffi għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodotti bijoċidali

Tabella 1

Tariffi standard

Deskrizzjoni ġenerali tal-kompitu; id-dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012	Kundizzjoni speċifika jew deskrizzjoni tal-kompitu	Tariffa (EUR)
Għoti ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, prodott wieħed; l-Artikolu 43(2)	Tariffa għal kull prodott mhux identiku għall-prodott(i) rappreżentattiv(i) iwwalutat(i) għall-fini tal-approvazzjoni tas-sustanza (jew mhux identiku għal wieħed minn dawn il-prodotti)	80 000
	Tariffa għal kull prodott identiku għall-prodott(i) rappreżentattiv(i) iwwalutat(i) għall-fini tal-approvazzjoni tas-sustanza (jew identiku għal wieħed minn dawn il-prodotti)	40 000
	Tariffa addizzjonali għal kull prodott meta tkun meħtieġa valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	40 000
	Tariffa addizzjonali għal kull prodott meta l-awtorizzazzjoni mitluba hija provviżorja skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	10 000
Għoti ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, familja ta' prodotti bijoċidali; l-Artikolu 43(2)	Tariffa għal kull familja	150 000
	Tariffa addizzjonali għal kull familja meta tkun meħtieġa valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	60 000
	Tariffa addizzjonali għal kull familja meta l-awtorizzazzjoni mitluba hija provviżorja skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	15 000
Notifika lill-Aġenzija ta' prodott addizzjonali fi ħdan familja ta' prodotti bijoċidali; l-Artikolu 17(6)	Tariffa għal kull prodott addizzjonali	2 000
Awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta prodott bijoċidali li jkun l-istess; l-Artikolu 17(7)	Tariffa għal kull prodott li jikkostitwixxi "prodott l-istess" fi ħdan it-tifsira tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 tas-6 ta' Mejju 2013 li jispeċifika proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali li huma l-istess skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾	2 000
Bidla maġġuri ta' prodott awtorizzat jew ta' familja ta' prodott; l-Artikolu 50(2)	Tariffa għal kull applikazzjoni	40 000
Bidla minuri ta' prodott awtorizzat jew ta' familja ta' prodott; l-Artikolu 50(2)	Tariffa għal kull applikazzjoni	15 000



Deskrizzjoni ġenerali tal-komputu; id-dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012	Kundizzjoni speċifika jew deskrizzjoni tal-komputu	Tariffa (EUR)
Bidla amministrattiva ta' prodott awtorizzat jew ta' familja ta' prodotti; l-Artikolu 50(2)	Tariffa għal kull notifika	2 000
Rakkomandazzjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' bidla ta' prodott awtorizzat jew ta' familja ta' prodotti; l-Artikolu 50(2)	Tariffa għal kull talba skont ir-Regolament (UE) Nru 354/2013. Jekk ir-rakkomandazzjoni hija li l-bidla tiġi kklassifikata bħala bidla amministrattiva jew minuri, it-tariffa għat-talba għandha titnaqqas mill-applikazzjoni jew in-notifika sussegwenti skont ir-Regolament (UE) Nru 354/2013.	2 000
It-tiġdid ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, prodott wieħed; l-Artikolu 45(3)	Tariffa għal kull prodott	5 000
	Tariffa addizzjonali għal kull prodott fil-każ li jinstab li hija meħtieġa evalwazzjoni sħiħa skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	15 000
	Tariffa addizzjonali għal kull prodott meta tkun meħtieġa valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	40 000
It-tiġdid ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, il-familja ta' prodotti bijoċidali; l-Artikolu 45(3)	Tariffa għal kull familja ta' prodotti	7 500
	Tariffa addizzjonali għal kull familja ta' prodotti fil-każ li jinstab li hija meħtieġa evalwazzjoni sħiħa skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	22 500
	Tariffa addizzjonali għal kull familja ta' prodotti meta tkun meħtieġa valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	60 000

(¹) ĠU L 125, 7.5.2013, p. 4.

Tabella 2

Tnaqqis fit-tariffa għall-applikazzjonijiet għall-għoti u t-tiġdid ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodotti bijoċidali jew ta' familji ta' prodotti bijoċidali, jekk id-detentur prospettiv tal-awtorizzazzjoni huwa SME stabbilita fl-Unjoni, ħliet meta l-prodott ikun fih sustanza attiva li tkun kandidata għas-sostituzzjoni

Tip ta' intrapriża	Tnaqqis (% tat-tariffa standard)
Intrapriża mikro	30
Intrapriża żgħira	20
Intrapriża ta' daqs medju	10



ANNEX III

Tariffi oħra

Deskrizzjoni ġenerali tal-kompitu; id-dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012	Kundizzjoni speċifika jew deskrizzjoni tal-kompitu	Tariffa (EUR)
Ekwivalenza teknika; l-Artikolu 54(3)	Tariffa, meta d-differenza bejn is-sorsi tas-sustanza attiva hija limitata għal bidla tal-post tal-manifattura, u l-applikazzjoni hija bbażata biss fuq dejta analitika	5 000
	Tariffa, meta d-differenza bejn is-sorsi tas-sustanza attiva tmur lil hinn minn bidla tal-post tal-manifattura, u l-applikazzjoni hija bbażata biss fuq dejta analitika	20 000
	Tariffa meta ma jkunux ġew issodisfati kundizzjonijiet preċedenti.	40 000
Tariffa annwali għal prodotti bijoċidali awtorizzati mill-Unjoni; l-Artikolu 80(1)(a)	Tariffa għal kull awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodott bijoċidali	10 000
	Tariffa għal kull awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' familja ta' prodotti bijoċidali	20 000
Tariffa għall-Preżentazzjoni ta' Rikonoxximent Reċiproku; l-Artikolu 80(1)(a)	Tariffa għal kull prodott jew familja ta' prodotti ikkonċernat(a) minn applikazzjoni għal rikonoxximent reċiproku għal kull Stat Membru fejn huwa mitlub ir-ikonoxximenti reċiproku	700
Appell; l-Artikolu 77(1)	Tariffa għal kull appell	2 500
Sottomissjoni għall-inklużjoni fil-lista ta' persuni rilevanti; l-Artikolu 95	Tariffa għal kull preżentazzjoni ta' ittra ta' aċċess għal dossier li jinstab diġà komplet mill-Aġenzija jew minn Awtorità Kompetenti ta' evalwazzjoni	2 000
	Tariffa għal kull preżentazzjoni ta' ittra ta' aċċess għal parti ta' dossier li jinstab diġà komplet mill-Aġenzija jew minn Awtorità Kompetenti ta' evalwazzjoni, flimkien ma' dejta komplimentari	20 000
	Tariffa għal kull preżentazzjoni ta' dossier ġdid	40 000
Talbiet skont l-Artikolu 66(4) sottomessi lill-Aġenzija	Tariffa għal kull oġġett li għalih tintalab il-kunfidenzjalità	1 000